DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2026/66

tat-23 ta' Diċembru 2025

li temenda d-Deċiżjonijiet 2014/350/UE, 2014/391/UE, (UE) 2016/1332, (UE) 2016/1349 u (UE) 2017/176 fir-rigward tal-perjodu ta' validità tal-kriterji tal-Ekotikketta tal-UE u r-rekwiżiti ta' valutazzjoni u ta' verifika relatati għall-prodotti tessili, għas-saqqijiet tas-sodda, għall-għamara, għax-xedd tas-saqajn u għall-kisi tal-art b'bażi tal-injam, tas-sufra u tal-bambù

(notifikata bid-dokument C(2025) 9163)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 66/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar skema ta' Ekotikketta tal-UE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 8(2) tiegħu,

Wara li kkonsultat il-Bord tal-Ekotikkettar tal-Unjoni Ewropea,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 66/2010 jipprevedi li l-Ekotikketta tal-UE tista' tingħata lill-prodotti b'impatt ambjentali mnaqqas tul iċ-ċiklu kollu ta' ħajjithom. Għandhom jiġu stabbiliti kriterji speċifiċi tal-Ekotikketta tal-UE għal kull grupp ta' prodotti.

(2) Bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2014/350/UE ([2]), il-kriterji tal-Ekotikketta tal-UE ġew stabbiliti għall-grupp ta' prodotti "prodotti tessili". Il-validità ta' dawk il-kriterji u tar-rekwiżiti ta' valutazzjoni u ta' verifika relatati se tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2025.

(3) Bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2014/391/UE ([3]), il-kriterji tal-Ekotikketta tal-UE ġew stabbiliti għall-grupp ta' prodotti "saqqijiet tas-sodda". Il-validità ta' dawk il-kriterji u tar-rekwiżiti ta' valutazzjoni u ta' verifika relatati se tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2026.

(4) Bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1332 ([4]), il-kriterji tal-Ekotikketta tal-UE ġew stabbiliti għall-grupp ta' prodotti "għamara". Il-validità ta' dawk il-kriterji u tar-rekwiżiti ta' valutazzjoni u ta' verifika relatati se tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2026.

(5) Bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1349 ([5]), il-kriterji tal-Ekotikketta tal-UE ġew stabbiliti għall-grupp ta' prodotti "xedd tas-saqajn". Il-validità ta' dawk il-kriterji u tar-rekwiżiti ta' valutazzjoni u ta' verifika relatati se tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2025.

(6) Bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/176 ([6]), il-kriterji tal-Ekotikketta tal-UE ġew stabbiliti għall-grupp ta' prodotti "kisi tal-art b'bażi tal-injam, tas-sufra u tal-bambù". Il-validità ta' dawk il-kriterji u tar-rekwiżiti ta' valutazzjoni u ta' verifika relatati se tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2026.

([1]) ĠU L 27, 30.1.2010, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2010/66/oj.
([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2014/350/UE tal-5 ta' Ġunju 2014 li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-Ekotikketta tal-UE għall-prodotti tessili (ĠU L 174, 13.6.2014, p. 45, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2014/350/oj).
([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2014/391/UE tat-23 ta' Ġunju 2014 li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-Ekotikketta tal-UE għas-saqqijiet tas-sodda (ĠU L 184, 25.6.2014, p. 18, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2014/391/oj).
([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1332 tat-28 ta' Lulju 2016 li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-Ekotikketta tal-UE għall-għamara (ĠU L 210, 4.8.2016, p. 100, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2016/1332/oj).
([5]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1349 tal-5 ta' Awwissu 2016 li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-Ekotikketta tal-UE għax-xedd tas-saqajn (ĠU L 214, 9.8.2016, p. 16, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2016/1349/oj).
([6]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/176 tal-25 ta' Jannar 2017 li tistabbilixxi l-kriterji tal-Ekotikketta tal-UE, għall-kisi tal-art b'bażi tal-injam, tas-sufra u tal-bambù (ĠU L 28, 2.2.2017, p. 44, ELI: ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2017/176/oj).

(7) F'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kontroll tal-Idoneità tal-Ekotikketta tal-UE (REFIT) tat-30 ta' Ġunju 2017 ([7]), il-Kummissjoni, flimkien mal-Bord tal-Ekotikkettar tal-UE, ivvalutat u kkonfermat ir-rilevanza tal-kriterji tal-Ekotikketta tal-UE għall-gruppi ta' prodotti msemmija hawn fuq għall-iskema tal-Ekotikketta tal-UE, filwaqt li implimentat soluzzjonijiet biex jittejbu s-sinerġiji bejn il-gruppi ta' prodotti u biex jiżdied l-użu tal-Ekotikketta tal-UE.

(8) Il-kunsiderazzjonijiet imsemmija hawn fuq żvelaw li, għas-saqqijiet tas-sodda, għall-għamara, għax-xedd tas-saqajn u għall-kisi tal-art b'bażi tal-injam, tas-sufra u tal-bambù, il-kriterji tqiesu li kienu għadhom aġġornati u li x'aktarx se jibqgħu hekk fil-futur qrib. Konsegwentement, jenħtieġ li r-reviżjonijiet tal-kriterji u tar-rekwiżit ta' valutazzjoni u ta' verifika relatat għal dawk il-gruppi ta' prodotti jiġu differiti, biex il-leġiżlazzjoni settorjali li qed tevolvi tkun tista' tiġi integrata u biex jiġi żgurat li ikun hemm allinjament u koerenza ma' politiki oħra għall-prodotti li qed twettaq l-UE bħalissa. Għall-prodotti tessili, ir-reviżjoni li għaddejja jeħtieġ li tiġi ffinalizzata wara li jinħareġ l-att delegat relatat skont ir-Regolament (UE) 2024/1781 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([8]), biex tiġi żgurata l-konsistenza bejn ir-rekwiżiti stabbiliti f'tali att delegat u l-kriterji tal-Ekotikketta tal-UE, filwaqt li titqies il-possibbiltà li l-Ekotikketta tal-UE tintuża fil-futur bħala prova ta' konformità mar-rekwiżiti tal-ekodisinn stabbiliti f'dak l-att delegat sa fejn dawk ir-rekwiżiti jkunu koperti tal-Ekotikketta tal-UE. Sa dak iż-żmien, jenħtieġ li l-kriterji u r-rekwiżit ta' valutazzjoni u ta' verifika relatat għall-prodotti tessili jibqgħu validi.

(9) Sabiex tiġi ffaċilitata l-koordinazzjoni tal-Kummissjoni tal-proċess ta' reviżjoni flimkien mal-inizjattivi leġiżlattivi li ġejjin, u biex jiġu kkonsolidati l-isforzi kull meta jkun fattibbli, jeħtieġ li tiġi estiża l-validità tal-kriterji tal-Ekotikketta tal-UE, kif ukoll tar-rekwiżiti ta' valutazzjoni u ta' verifika stabbiliti fid-Deċiżjonijiet 2014/350/UE, 2014/391/UE, (UE) 2016/1332, (UE) 2016/1349 u (UE) 2017/176.

(10) Sabiex ikun hemm biżżejjed żmien biex jiġu ffinalizzati l-proċessi ta' reviżjoni, is-sett ta' kriterji maħruġ fl-istess sena f'Deċiżjoni unika tal-Kummissjoni u biex tiġi żgurata l-kontinwità tas-suq għad-detenturi tal-liċenzji bejn il-verżjonijiet attwali u l-verżjonijiet riveduti tal-kriterji, jenħtieġ li l-perjodu ta' validità tal-kriterji attwali u tar-rekwiżiti ta' valutazzjoni u ta' verifika relatati jiġi estiż sal-31 ta' Diċembru 2028 għall-prodotti tessili u għax-xedd tas-saqajn, sal-31 ta' Diċembru 2029 għall-għamara u għall-kisi tal-art b'bażi tal-injam, tas-sufra u tal-bambù u sal-31 ta' Diċembru 2030 għas-saqqijiet tas-sodda.

(11) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjonijiet 2014/350/UE, 2014/391/UE, (UE) 2016/1332, (UE) 2016/1349 u (UE) 2017/176 jiġu emendati kif xieraq.

(12) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 66/2010,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Emenda għad-Deċiżjoni 2014/350/UE

L-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni 2014/350/UE huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 6*

Il-kriterji tal-Ekotikketta tal-UE għall-grupp ta' prodotti 'prodotti tessili' u r-rekwiżiti ta' valutazzjoni u ta' verifika relatati għandhom ikunu validi sal-31 ta' Diċembru 2028.".

([7]) Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar ir-rieżami tal-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1221/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-parteċipazzjoni volontarja ta' organizzazzjonijiet fi skema Komunitarja ta' ġestjoni u verifika ambjentali (EMAS) u tar-Regolament (KE) Nru 66/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar skema ta' Ekotikketta tal-UE [COM(2017) 355 final].

([8]) Ir-Regolament (UE) 2024/1781 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 li jistabbilixxi qafas għall-istabbiliment ta' rekwiżiti tal-ekodisinn għal prodotti sostenibbli, li jemenda d-Direttiva (UE) 2020/1828 u r-Regolament (UE) 2023/1542 u li jħassar id-Direttiva 2009/125/KE (ĠU L, 2024/1781, 28.6.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1781/oj).

Artikolu 2

Emenda għad-Deċiżjoni 2014/391/UE

L-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni 2014/391/UE huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 4*

Il-kriterji tal-Ekotikketta tal-UE għall-grupp ta' prodotti 'saqqijiet tas-sodda', u r-rekwiżiti ta' valutazzjoni u ta' verifika relatati, għandhom ikunu validi sal-31 ta' Diċembru 2030.".

Artikolu 3

Emenda għad-Deċiżjoni (UE) 2016/1332

L-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni (UE) 2016/1332 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 4*

Il-kriterji tal-Ekotikketta tal-UE għall-grupp ta' prodotti 'għamara', u r-rekwiżiti ta' valutazzjoni u ta' verifika relatati, għandhom ikunu validi sal-31 ta' Diċembru 2029.".

Artikolu 4

Emenda għad-Deċiżjoni (UE) 2016/1349

L-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni (UE) 2016/1349 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 4*

Il-kriterji tal-Ekotikketta tal-UE għall-grupp ta' prodotti 'xedd tas-saqajn' u r-rekwiżiti ta' valutazzjoni u ta' verifika relatati għandhom ikunu validi sal-31 ta' Diċembru 2028.".

Artikolu 5

Emenda għad-Deċiżjoni (UE) 2017/176

L-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni (UE) 2017/176 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 4*

Il-kriterji tal-Ekotikketta tal-UE għall-grupp ta' prodotti 'kisi tal-art b'bażi tal-injam, tas-sufra u tal-bambù', u r-rekwiżiti ta' valutazzjoni u ta' verifika relatati, għandhom ikunu validi sal-31 ta' Diċembru 2029.".

Artikolu 6

Destinatarji

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Diċembru 2025.

Għall-Kummissjoni
Jessika ROSWALL
Membru tal-Kummissjoni